

32005R1558

L 249/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.9.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1558/2005

tat-23 ta' Settembru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1839/95 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamhhirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamhhirrum fil-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-Ftehim dwar l-Agrikoltura ⁽²⁾ konkluż matul l-Uruguay Round ta' negozjati multilaterali dwar il-kummerċ, il-Komunità aċċettat, mis-sena tas-suq 1995/96, li tapplika kwoti għall-importazzjoni fil-Portugall ta' 500 000 tonnellata qamhhirrum u għal Spanja ta' 2 000 000 tonnellata qamhhirrum u 300 000 tonnellata sorgu rispettivament.
- (2) Il-kundizzjonijiet għall-ġestjoni ta' dawn il-kwoti ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1839/95 ⁽³⁾. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jidher neċessarju li l-ġestjoni tat-tariffi msemmija tiġi ssimplifikata u ċċarata.
- (3) Huwa fl-interess tal-operaturi tal-Komunità li tkun żgurata provvista adegwata tal-prodotti kkonċernati fis-suq tal-Komunità bi prezzijiet stabbli, filwaqt li jkun evitati riskji żejda u eċċessivi, jew saħansitra taqlib fis-suq fis-sura ta' varjazzjonijiet kbar fil-prezzijiet Il-Kummissjoni, filwaqt li tikkunsidra l-iżvilupp tas-swieq internazzjonali, il-qagħda tal-provvista fi Spanja u l-Portugall u l-impenji internazzjonali tal-Komunità, għandha tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ tnaqqis tad-dazji fuq l-importazzjoni applikabbli stipulati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni

(KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazji ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 1766/92 ⁽⁴⁾ biex ikun żgurat li t-tariffi tal-importazzjoni għall-prodotti kkonċernati jimtlew.

- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1839/95 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTA DAN IL-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1839/95 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 4

għandhom jitwettqu, bħala parti minn dawn il-kwoti u fil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikolu 1, fi Spanja u l-Portugall, billi tiġi applikata sistema ta' tnaqqis ta' dazji tal-importazzjoni kif provdut fl-Artikolu 5 jew b'xiri dirett fis-suq globali."

L-Artikolu 2

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1839/95, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14, għall-importazzjoni ta' qamhhirrum u sorgu fi Spanja u għall-importazzjoni ta' qamhhirrum fil-Portugall, fil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikolu 1, għandha jiġi applikat tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1249/96.

1a. Il-Kummissjoni, filwaqt li tikkunsidra l-kundizzjonijiet eżistenti tas-suq, għandha tiddeċiedi jekk it-tnaqqis provdut f'paragrafu 1 għandux jiġi applikat, sabiex tiżgura li t-tariffi għall-importazzjoni jimtlew.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78.⁽²⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.⁽³⁾ ĠU L 177, 28.7.1995, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50).⁽⁴⁾ ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 777/2004.

2. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tapplika tnaqqis bħal dan, l-ammont ta' tnaqqis għandu jkun stabbilit abbażi ta' rata fissa jew bi proċedura ta' sejħiet għall-offerti, flivell li jippermeti, l-ewwel, illi jkun evitat taqlib fis-swieq Spanjoli u Portugiżi bħala riżultat ta' importazzjoni f'dawk il-pajjiżi u t-tieni, illi l-kwantitajiet msemmijin fl-Artikolu jiġu importati tassew."

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Settembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni